# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tnejn u Għoxrin (22) ta' Ottubru 2024**

**Rikors Numru 311/2017FDP**

Fl-ismijiet

**Omar Fava personalment u bħala propretarju ta' Omar Fava Construction (K.I: 535185M)**

**Vs**

**Jurgen Steinbacker**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 7 ta' April 2017 li permezz tiegħu r-rikorrenti talab s-segwenti:

    1. *Illi huwa, fil-kwalita' imsemmija, ġie inkarigat mill-konvenut sabiex jagħmel diversi xogħolijiet ta' kostruzzjoni u ta' tisbieħ fil-proprjeta' tiegħu fuq indikata, f' San Ġiljan. Dawn ix-xogħolijiet kienu mogħtija dwar il-post kollu - li kien ġebel u saqaf – kienu jikkonsistu f'xogħol u materjal ta' konkos, membrane, livellar ta' artijiet, tikħil u tibjid ta' soqfa u faċċata provviżorja u tqegħid ta' madum u parquet, xi injam, xogħol ta' soffitti u ħitan bil-"gypsum boards', bini ta' kamra żgħira għall-geyser units, u diversi xogħolijiet oħra li jiġu pruvati fit-trattazzjoni. Biex jagħmel dawn ix-xogħolijiet l-esponent kellu jixtri l-materjal kollu u jimpjega numru ta' ħaddiema tiegħu u s'intendi, diġa' ħallashom. Ftiehem ir-rati mal-Perit inkarigat u kollox li kien se jkun meħtieġ.*

    2. *Illi avolja inqala' xi tfixkil u anke tibdil f'xi struzzjonijiet mill-project managers tal-konvenut, huwa ikkonkluda x-xogħolijiet diversi hekk meħtieġa, bejn l-2015 u s-sena 2016 u rċieva biss tlett (3) ammonti ta' ħlas akkont ċioe' f'Awwissu 2015, f'Jannar 2016 u f'April 2016, li jġibu b'kollox total ta' ħamest elef u ħames mitt Ewro (EUR 5500).*

3. *Illi pero' l-esponent fadallu jieħu bilanċ (somom oħra, li huma in parti rappreżentati b'kont dettaljat hawn anness li juri somma dovuta ta' Tmint Elef, Seba' Mija u Ħamsa u ħamsin Ewro u sittin ċenteżmu (EUR 8755.60c) u mmarkat Dok A u in parti f'ammonti oħra li jeħtieġ illi jiġu mkejla minn Perit biex jistgħu jiġu stmati korrettement għax ibbażati fuq rati kif jidher fl-anness Dok B li juri l-lista tar-rati u l-items relattivi, mibgħuta - sa mis-sena 2015 lill-Perit Karl Ebejer li kien inkarigat mill-konvenut biex jiċċertifika x-xogħol u l-materjal. B'hekk għad fadal bilanċ li, meħud flimkien, jeċċedi l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati.*

4. *Illi pero' l-konvenut qed jirrifjuta li jħallas il-bilanċ dovut, u fl-istess waqt qed jostakola li jitħalla jmur fuq il-post mal-perit inkarigat biex jitkejjel sewwa xogħlu u, jekk hemm xi ilment (sic), jiġi ċċarat "on site". Dan bl-allegazzjoni li l-konvenut ma fadallu jagħtih XEJN, għax qed jallega li kien hemm xogħol ħażin, u qed jistrieh fuq rapport tal-perit tiegħu stess mimli kritika negattiva u ineżattezzi (ara Dok. C) - Iżda l-esponent isostni li dan m'huwiex minnu, għax ix-xogħol kien sar sewwa u kien tlesta....ħlief li ma laħaqx tkejjel ix-xogħol u l-materjal, għax, meta żarma l-għodda u l-attrezzi tiegħu dam ftit ma talab il-perit imsemmi (għax kien imħabbat ferm bi proġett kbir) sabiex issa jitkejjel ix-xogħol ibbażat fuq ir-'rati' msemmija. Meta avviċina lill-perit Karl Ebejer l-esponent ġie l-ewwel injorat għal kollox u mbagħad ġie rinfaċċat b'ħafna allegazzjonijiet mill-istess perit dwar hekk imsejjaħ 'xogħol ħażin' jew mhux kompjut skond is-sengħa; u anzi intbagħtitlu kopja ta' rapport preżentat lis-sid u b'ħafna ritratti, - kollox magħmul minn wara dahru, - u li l-esponenti jsostni li huma pretenzjonijiet inveritieri u frivoli magħmula espressament biex il-konvenut ikun jista' jevadi l-obbligi tiegħu u biex l-esponent jaqta' qalbu li se jitħallas. Anzi talab ikun jaf id-dati meta ttieħdu r-ritratti u qatt ma irċieva risposta u x'aktarx dawn kienu ta' work in progress, mhux ta' xogħol konkluż.*

5. *Illi hu evidenti li l-konveuut ser jeċċepixxi l-intempestivita u in-"'non dovut" in bażi tal-allegazzjonijiet imsemmija, u se jipprova jostakola l-andament tal-kawża billi jgħid li x-xogħolijiet ma tlestewx jew saru ħażin, anzi se jipprova jsostnihom b'diversi ritratti meħuda ad insaputa tal-esponent u f'dati anteċedenti t-tlestija, li jagħtu stampa xejn reali jew veritiera tax-xogħol konkluż mill-attur, u li huma espressament kontestati.*

6. *Illi kull talba li għamel l-attur biex isir aċċess fuq il-post mas-Sid konvenut u mal-Perit imsemmi ħalli l-affarijiet ikunu ċċarati bonarjament "in situ" u jiġi mkejjel skont il-liġi x-xogħol u l-materjal fuq imsemmi, baqgħet injorata. Avolja inkitbulhom anke ittri rispettivi (ara Dok. D u Dok. E)*

7. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża sabiex l-esponent jieħu u jirċievi dak li hu tassew dovut lilu ta' xogħolijiet li difatti kienu magħmula sew u skond is-sengħa.*

*8. Għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti hija mitluba sabiex: PREVJA Li tordna fil-mori tal-kawża li jiġi mkejjel ix-xogħol u l-materjal kif kopert bir-rati stabbiliti skond Dok B, okkorrendo b'opera ta' Periti nominandi:*

*(a) tiddikjara li x-xogħol mitlub u nkarigat mill-konvenut effettivament kien sar u ġie debitament kompletat skond is-sengħa u l-arti;*

*(b) tiddikjara illi x-xogħol u materjal konċernat u l-ħlas dovut jikkonsisti*
*a. f'dak deskritt fid-Dokument "A"' kif ukoll;*
*b. f'dak li ġie deskritt f' Dokument "B" bir-rati relattivi; hemm kontenuti,*

*u b'hekk tillikwida s-somma totali li tiġi stabbilita okkorrendo permezz ta' periti esperti kif fuq imsemmi; u*

*(c) tiddikjara lill-konvenut debitur tal-attur fis-somma totali hekk riżultanti u tikkundannah iħallas tali somma totali fi żmien ċasir u perentorju, bl-ispejjeż tal-ittri legali Dok C u Dok D, kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru fl-istess ismijiet preżentat illum kontestwalment, u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni.*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura u bl-imgħax fuq l-ammonti dovuti b'effett mid-data li tistabbilixxi dina l-Qorti skond il-liġi.*

2. Rat illi fit-23 ta' Ġunju 2017, l-intimat laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

*1. Illi preliminarjament jiġi eċċepit illi "Omar Fava Construction" ma hijiex xi korp ġuridiku jew entita' personalita' ġuridika u għalhekk ma tistax tiċċita in ġudizzju lil terzi persuni jew tivvanta pretensjonijiet fil-konfront tagħhom u wisq tista' tkun rappreżentata minn persuna fiżika. Għalhekk il-mod kif ġie intavolat r-rikors ġuramentat promutur huwa irritu u null u dana stante li in kwantu ġie imressaq minn "Omar Fava Construction" dina hija entita ineżistenti. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju l-intimat għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju fir-rigward tat-talbiet imressqa fil-konfront tiegħu minn "Omar Fava Construction";*

*2. Illi ukoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-sussegwenti, r-rikorrent għandu jressaq l-provi, skond il-grad rikjest mil-Liġi, li permezz tagħhom jiġi stabbilit l-ammont minnu pretiż, ir-raġuni għal tali pretensjoni u kif ukoll kif wasal għall-ammont minnu pretiż u f'dana r-rigward l-intimat jirriserva li jressaq dawk l-eċċezzjonijiet ulterjuri fir-rigward fi stadju opportun;*

*3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost u sussegwenti liġi rrilevat illi x-xogħol li r-rikorrent ġie inkarigat jeżegwixxi ma ġiex kompletat minnu u kif ukoll xi xogħolijiet eżegwiti mir-rikorrent fil-fond tal-intimat ma ġewx eżegwti skond is-sengħa u l-arti u huma aflitti minn diversi difetti, bil-konsegwenza li t-talba rikorrenti għandha titqies intempestiva u kwindi miċħuda.*

4. *Illi wkoll fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost u sussegwenti, jiġi rilevat illi ġialadarba illi x-xogħol li r-rikorrent ġie inkarigat jeżegwixxi ma ġiex kompletat minnu u kif ukoll ix-xogħolijiet eżegwiti mir-rikorrent fil-fond tal-intimat ma ġewx eżegwti skond is-sengħa u l-arti u huma aflitti minn diversi difetti, t-talba għal ħlas mir-rikorrent fil-konfront tal-intimat għandha tiġi miċħuda u dana bi tħaddin tal-exceptio non rite adempleti contractus u tal-prinċipju inadempjenti non est adimplendum;*

5. *Illi wkoll fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost u sussegwenti, jiġi rilevat illi fl-eventwalita li dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-tielet u / jew ir-raba' eccezzjoni mressqa mill-intimat, it-talba għall-ħlas tar-rikorrent għal ammont ta' flus oltre dak lilu ġia mħallas, jew parti minnu, għandha tiġi miċħuda u dana stante li r-rikorrent għandu jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet riskontrati fix-xogħolijiet eżegwiti u l-inkompletar ta' ċertu xogħolijiet da parti tal-istess rikorrent u dana billi l-ammont pretiż mir-rikorrent, jew parti minnu, jiġi hekk ridott biex jagħmel tajjeb għal tali nuqqasijiet u inkompletar;*

6. *Illi ukoll fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost u sussegwenti, jiġi rilevat illi fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-tielet u / jew ir-raba' u / jew il-ħames eċċezzjoni imressqa mill-intimat, fl-aħjar ipoteżi għar-rikorrrent, l-unika ammont li jista' jkun perċepibbli mir-rikorrent hija somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż inkorsi mir-rikorrent u l-valur tax-xogħol wara li jittieħed qies tal-utilita' ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol għall-intimat u kif ukoll id-danni li sofra l-intimat;*

7. *Illi wkoll fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost u sussegwenti, jiġi eċċepit illi fi kwalukwe każ l-ammont pretiż mir-rikorrent huwa eċċessiv u mhux ġustifkat;*

8. *Illi dak hawn fuq eċċepit huwa mingħajr preġudizzju għat-talba rikovenzjonali mressqa mill-intimat flimkien ma' dina r-risposta ġuramentata;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi;*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent u b'riserva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-intimat.*

3. Rat illi fit-23 ta' Ġunju 2017, l-intimat ippreżenta kontro-talba li permezz tagħha talab is-segwenti:

1. *Illi Jurgen Steinbacker kien inkariga lil Omar Fava sabiex jeżegwixxi diversi xogħolijiet fil-fond 168C, Triq Clare E. Engel, Ta' Giorni, San Ġiljan;*

2. *Illi x-xogħolijiet li effettivament eżegwixxa Omar Fava fil-fond 1686, Triq Clare E. Engel, Ta' Giorni, San Ġiljan ma sarux skond l-arti u s-sengħa*

*u / jew huma aflitti minn diversi difetti, u dana kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża;*

3. *Illi inoltre kien hemm xogħolijiet li kellhom jiġu eżegwiti minn Omar Fava fil-fond 168C, Triq Clare E. Engel, Ta' Giorni, San Ġiljan li ma ġewx kompletati, u dana kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża;*

4. *Illi wkoll inoltre l-istess Omar Fava naqas milli jikkompleta x-xogħolijiet fil-fond 168C, Triq Clare E. Engel, Ta' Giorni, San Ġiljan fiż-żmien pattwit, u dana kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża;*

5. *Illi Jurgen Steinbacker, b'riżultat tal-inadempjenza ta' Omar Fava, sofra danni li għalihom huwa responsabbli l-istess Omar Fava;*

*Għaldaqstant jgħid ir-rikorrent rikonvenzjonat għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi x-xogħolijiet li effettivament eżegwixxa Omar Fava fil-fond 168C, Triq Clare E. Engel, Ta' Ġiorni, San Ġiljan ma sarux skond l-arti u s-sengħa u / jew huma aflitti minn diversi difetti;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi kien hemm xogħolijiet li kellhom jiġu eżegwiti minn Omar Fava fil-fond 168C, Triq Clare E. Engel, Ta' Ġiorni, San Ġiljan li ma ġewx kompletati;*

3. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi Omar Fava naqas milli jikkompleta x-xogħolijiet fil-fond 168C, Triq Clare E. Engel, Ta' Ġiorni, San Ġiljan fiż-żmien pattwit;*

4. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi konsegwentement Omar Fava huwa responsabbli għad-danni sofferti minn Jurgen Steinbacker b'riżultat tal-inadempjenza tal-istess Omar Fava skond l-ewwel, t-tieni u t-tielet talba;*

5. *Tillikwida d-danni sofferti minn Jurgen Steinbacker okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;*

6. *Tikkundanna lil Omar Fava iħallas lil Jurgen Steinbacker d-danni hekk likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra r-rikorrent rikonvenzjonat li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.*

4. Rat illi fil- 21 ta’ Lulju 2017 ir-rikorrenti laqa’ għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

1. *Illi preliminarjament jeċċepixxi l-kontro talba, m'hi xejn ħlief "modus" ostruttiv u vessatorju biex il-konvenzjonant jikkomplika l-każ minn wieħed sempliċi għall-ħlas ta' xogħol u materjal kif spjegat b'tant*

*korrettezza fid-dettall ir-Rikors promotur; u ċioe' il-kontro-talba hi strateġija kif il-konvenut jipprova jostakola u jbeżża' lill-attur milli ikompli miexi b'dan il-Każ....U jekk dina l-Qorti, x'ħin tanalizza l-provi, issib li l-kontrotalba hi, kif sostnut, kapriċċuża u vessatorja, hi mitluba tordna il-liberatorja mill-osservanza tal-ġudizzju favur l-attur rikonvenzjonat.*

2. *Illi bla preġudizzju għal dan, u fil-meritu tar-rikonvenzjoni qed jiġi eċċepit li t-talba għal-likwidazzjoni u kundanna ta' danni allegatament sofferti mill-konvenut hi bbażata għal kollox fuq l-istess premessi li jinstabu fir-Risposta tiegħu, u ma jingħad xejn ġdid jew konvinċenti li jwassal għal xi riżultanza ta' Danni. Id-danni pretiżi u n-nexus ta' "kawża u effett' jeħtieġ jiġu speċifikati ... u anke ppruvati, u fil-waqt li l-esponent jirrileva li l-konvenut rikonvenzjonant jinsab obbligat jikkwalifika x'inhuma dawn id-danni li qed vagament jitlob, u l-'quantum' tagħhom, u jirriserva li jressaq eċċezzjonijiet oħra fir-rigward meta dawn il-pretensjonijiet jiġu spjegati aħjar.*

3. *Illi l-premessi tal-kontrotalba kif dedotta ma jwasslux għal konklużjoni li ġew sofferti xi Danni konsegwenza tal-aġir jew negliġenza tal-Attur.*

4. *Fi kwalunkwe każ, il-konvenut rikonvenzjonant ma jirnexxielux jipprova li, jekk juri li kellu xi Danni dawn ġew kaġunati mill-attur u ma kinux "self-inflicted" bil-fatt tal-att unilaterali tiegħu li jimblokka lill-attur milli jerġa' jaċċedi fuq il-post għalkemm mitlub diversi drabi...kif jista' jidher mid-dokumenti eżebiti u kif jiġi muri fil-mori tal-kawża.*

5. *Illi mhux minnu li kien hemm xogħolijiet li ma ġewx kompletati, jew ma sarux skond is-sengħa jew difettużi. Anzi - ġara li meta kien jonqos biss il-kisi ta' kamra fl-ogħla sular u l-gallarija, l-konvenut Jurgen Steinbbacker ordnalu biex ma jkomplix għax ried idaħħal l-għamara malajr għax kellu xi attivita' u l-attur naddaf kull debris u ħasel il-fond għal dak l-iskop. Wara, talab li jerġa' jaċċedi biex ikompli l-ftit rimanenti u jkejjel ix-xogħol, iżda l-konvenut u anke l-perit tiegħu irrifjutawh. Kieku kien tassew għamel xogħol ħażin jew ma kkompletahx b'tort tiegħu, kien dmir tal-appaltant li jsejjaħlu, anzi, biex jirrimedja u isewwi kull allegat difett ... U dan ma sarx.*

6. *Għaldaqstant, bla preġudizzju għal liberatorja u spejjeż doppji kontra l-konvenut f'każ li l-Kontro-talba tirriżulta ostruttiva u vessatorja, it-talba għal likwidazzjoni u ħlas ta' danni għandha tiġi miċħuda peress li hi infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*B'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra, bis-subizzjoni tal-konvenut rikonvenzjonant u l-mandatarju tiegħu, u bl-ispejjeż ta' din il-kontro-talba.*

5. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija.

6. Rat illi b'digriet mogħti fis-26 ta' Jannar 2022, il-Qorti appuntat lill-Avukat Richard Sladden bħala Perit Legali sabiex jieħu konjizzjoni tax-xhieda ġja miġbura, jisma' l-

kontro-eżamijiet kollha li hemm bżonn isiru sabiex wara jkun f'pożizzjoni jirrelata dwar it-talba u l-kontro-talba.

**Provi**

7. Semgħet ix-xhieda mogħtija mir-rikorrenti **Omar Fava** fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita (fol 49-52).

8. Semgħet ix-xhieda mogħtija mir-rikorrenti **Omar Fava** fis-seduta tas-6 ta' Frar 2018 (fol 54-55).

9. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Milan Milokovic** fis-seduta tas-6 ta' Frar 2018 (fol 56-57).

10. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Lorry Mifsud** fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2018 (fol 79-80).

11. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Nikolai Georgijve** fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2018 (fol 81-82).

12. Semgħet ix-xhieda mogħtija mir-rikorrenti **Omar Fava** fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2019 u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita (fol 88-131).

13. Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2019, ir-rikorrenti ddikjara illi m'għandux aktar provi xi jressaq.

14. Semgħet ix-xhieda mogħtija mill-**Perit Karl Ebejer** fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2020 (fol 141-146).

15. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Paul De Brincat** fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2020 (fol 147-160).

16. Semgħet ix-xhieda mogħtija mill-intimat **Jurgen Steinbacker** fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2021 u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita (fol 162-285).

17. Semgħet ix-xhieda mogħtija minn **Milan Milankovic** fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2021 (fol 296-305).

18. Semgħet ix-xhieda mogħtija mill-**Perit Karl Ebejer** fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2021 (fol 306-307).

19. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-intimat fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2021 (fol 308-311).

20. Semgħet ix-xhieda mogħtija mill-intimat **Jurgen Steinbacker** fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2022 (fol 339-358 et seq).

21. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2022 (fol 359-360).

22. Semgħet ix-xhieda mogħtija mill-**Perit Karl Ebejer** fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2022 (fol 361-373 et seq).

23. Rat ir-rapport ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2024 mill-Perit Legali l-Avukat Richard Sladden (fol 406-439).

24. Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2024 ġie dikjarat illi l-provi huma magħluqa u li l-kawża tista' titħalla għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub.

25. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fit-30 ta' Mejju 2024 (fol 442-454).

26. Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2024 il-Qorti akkordat terminu lill-intimat sabiex jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub.

27. Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2024, il-kawża marret għas-sentenza.

## Fatti tal-Każ

28. Jirriżulta illi r-rikorrenti kien ġie nkarigat mill-intimat sabiex jagħmel diversi xogħolijiet fil-proprjeta' tal-intimati fosthom xogħolijiet li jikkonsistu f'xogħol u materjal ta' *membrane*, livellar ta' artijiet, tikħil u tibjid ta' soqfa, ħitan u faċċata, tqegħid ta' madum u parquet, xogħol ta' soffiti, ħitan bil-*gypsum boards*, bini ta' kamra żgħira għall-*geyser units* u xogħolijiet oħrajn.

29. Jirriżulta illi l-attur kien irċieva mingħand l-intimat tlett ammonti ta' ħlas akkont, liema ammonti jammontaw għal ħamest elef u ħames mija (€ 5500).

30. Jirriżulta illi, skont l-istess rikorrenti huwa għad fadallu jieħu mingħand l-intimat is-somma ta' tmint elef, sebgħa mija u ħamsa u ħamsin Ewro u sittin ċenteżmu (€ 8755.60), u dan skont kont maħruġ mill-attur u eżebit bħala Dok A mar-rikors promutur a fol 5-6. Inoltre, l-istess rikorrenti jallega illi apparti dan l-ammont huwa jrid jitħallas ammont ieħor mingħand l-intimati, li jeħtieġ jiġi kwantifikat stante illi jrid jiġi mkejjel minn perit għaliex huwa xogħol bażat fuq rati, liema lista ta' rati tidher eżebita bħala Dok B mar-rikors promutur a fol 7.

31. Jirriżulta illi l-konvenut irrifjuta li jħallas il-bilanċ dovut. Magħdud ma' dan, ir-rikorrenti jallega wkoll illi huwa kien ġie ostakolat milli jitħalla jmur fuq il-post mal-perit sabiex jiġi mkejjel ix-xogħol illi għamel u l-materjal, kif ukoll jekk hemm xi lment jiġi ċċarat *on site*.

32. Jirriżulta illi min-naħa l-oħra l-konvenut qiegħed isostni illi x-xogħol illi r-rikorrenti ġie nkarigat jeżegwixxi ma ġiex kompletat minnu, illi ma sarx fiż-żmien pattwit u li x-xogħolijiet eżegwiti mir-rikorrenti ma sarux skont is-sengħa u l-arti u fihom ħafna difetti.

## Ikkunsidrat

33. Jirriżulta mill-premessi u mill-provi prodotti illi r-rikorrenti qiegħed jitlob illi din il-Qorti tiddikjara illi x-xogħol mitlub u inkarigat mill-konvenut kien sar u ġie debitament kompletat skont is-sengħa u l-arti, tiddikjara li x-xogħol u l-materjal konċernat u l-ħlas

dovut jikkonsisti fl-ammont indikat fid-Dok A anness mar-rikors promutur u f'dak li ġie deskritt f'Dok B anness mar-rikors promutur bir-rati relattivi u b'hekk qiegħed jitlob lill-Qorti tillikwida s-somma totali okkorendo permezz ta' periti esperti, tiddikjara illi l-intimati huwa debitur tal-attur fis-somma totali hekk riżultanti u tikkundannah iħallas tali somma fi żmien qasir u perentorju.

34. Jirriżulta illi l-intimat eċċepixxa illi "Omar Fava Construction" ma hijiex xi korp ġuridiku jew entita' b'personalita' ġuridika u għalhekk ma tistax tiċċita in ġudizzju lil terzi persuni jew tivvanta pretensjonijiet fil-konfront tagħhom u wisq tista' tkun rappreżentata minn persuna fiżika, illi r-rikorrenti għandu jressaq l-provi skont il-grad rikjest mil-liġi li permezz tagħhom jiġi stabbilit l-ammont minnu pretiż, r-raġuni għal tali pretensjoni kif ukoll kif wasal għall-ammont minnu pretiż, illi x-xogħol li r-rikorrenti ġie nkarigat jeżegwixxi ma ġiex kompletat minnu, ma sarx skont is-sengħa u l-arti u b'hekk t-talba għall-ħlas mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimati għandha tiġi miċħuda, illi fl-eventwalita' illi t-tielet u/jew ir-raba' eċċezzjoni mressqa mill-intimat ma jiġux milqugħa, t-talba għall-ħlas tar-rikorrenti għall-ammont ta' flus oltre dak lilu ġja mħallas jew parti minnu għandha tiġi miċħuda u dan stante li r-rikorrenti għandu jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet riskontrati fix-xogħolijiet eżegwiti u l-inkompletar ta' ċertu xogħolijiet, illi fl-eventwalita' illi t-tielet u/jew ir-raba' u/jew il-ħames eċċezzjoni mressqa mill-intimat ma jiġux milqugħa, l-unika ammont li jista' jkun perċepibbli mir-rikorrenti hija somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż inkorsi mir-rikorrenti u l-valur tax-xogħol wara li jittieħed qies tal-utilita' ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol għall-intimat kif ukoll id-danni sofferti mill-intimati, illi fi kwalunkwe każ l-ammont pretiż mir-rikorrenti huwa eċċessiv u mhux ġustifikat.

35. Jirriżulta illi l-intimat intavola kontro-talba fejn talab lill-Qorti illi x-xogħolijiet eżegwiti minn Omar Fava fil-fond 168C, Triq Clare E. Engel, Ta' Ġiorni, San Ġiljan ma saru skont is-sengħa u l-arti, illi ma ġewx kompletati, illi ma saru fiż-żmien pattwit, illi konsegwentament Omar Fava huwa responabbli għad-danni sofferti, tillikwida d-danni sofferti u tikkundanna lil Omar Fava jħallas lill-intimat d-danni hekk likwidati.

**Meritu tal-każ**

36. Illi l-pern tal-kawża odjerna huwa msejjes fuq it-talba tar-rikorrenti għall-ħlas tax-xogħolijiet u materjal magħmul minnu fil-proprjeta' tal-intimat ġewwa San Ġiljan.

37. Illi min-naħa l-oħra l-intimat isostni illi r-rikorrenti ma wettaqx ix-xogħolijiet skont is-sengħa u l-arti, li x-xogħolijiet ma ġewx kompletati u ma ġewx eżegwiti fiż-żmien miftiehem, għaldaqstant l-intimat rikonvenzjonanti jitlob il-likwidazzjoni tad-danni mġarrba minnu.

38. Illi fix-xhieda tiegħu mogħtija fit-30 ta' Novembru 2017, l-attur Omar Fava jispjega illi:

> *"Ninforma lil Qorti li jiena kont ġejt imqabbad mill-intimat biex nagħmel ix-xogħolijiet illi jiena kapaċi nagħmel fil-fond tiegħu f'Ta' Giorni proprjeta` tal-intimat.*
>
> *Jiena x-xogħol lestejtu kien għad baqagħli nagħmillu kamra żgħira fil-washroom fejn jitfa' l-geyser liema xogħol kien xogħol miżjud, kien għad*

*fadalli wkoll veranda fuq barra biex nagħmillu l-fibre boards. Dan ix-xogħol lestejtu u talabni nnaddaflu l-appartament għaliex kien se jġib l-għamara biex x`ħin jiġi mis-safar inkompli l-aħħar biċċiet xogħol, sadanittant jiena ħallejtu, bdejt inċempillu u ma jirrispondini ħadd imbagħad iltqajt ma' Project Manager li jismu Paul qalli hemmhekk tista' ma tidħolx għax iċ-ċavetta tal-fond kienet mibdula. Jiena għidtlu għalhekk niġi nkejjel ix-xogħol ħalli nitħallas tax-xogħol li għamilt.*

*Jiena bqajt inċempillu, għaddew is-snin u baqa` ma rrispondinix, lanqas e-mails ma rrisponda. Lil Perit tal-intimat ċertu Perit Karl Ebejer kont inċempillu pero` kien għalxejn imbagħad kelli mmur għand Avukat. Ix-xogħol għadu ma tkejjilx għad irid jiġi mkejjel u dan għaliex ma ħallewnix nidħol fil-fond in kwistjoni"*

(fol 49-50)

39. Illi fix-xhieda tas-6 ta' Frar 2018, l-attur ikompli jgħid illi:

*"Dawn huma rati normali, minn dawn ir-rati m`hemmx differenza minn dak li jiena niċċarġja b`mod normali. Dawk li kellhom jitkejlu ma tkejlux għaliex il-Perit għalkemm dejjem inċempillu wara qaluli li ma stajtx nersaq aktar lejn il-post u kelli nirranġa mal-Perit. Fuq il-post kelli xi ħames jew sitt ħaddiema jaħdmu. Ix-xogħol għamiltu fil-flat ta' isfel fejn kellu l-ħsarat u rranġajtulu, wara fis-sular ta' fuq għamiltu mill-bidu sal-aħħar imbagħad kellu s-sular l-ieħor ta' fuq fejn tiġi l-kċina mill-bidu sal-aħħar ukoll.*

*Minn fuqnett ilħaqt ma lestejtx il-gallerija tal-faċċata. Ma lestjejthiex kif diġa' għidt għax ma tħallejtx nidħol. Aħna konna lesti mix-xogħol, hu qalli biex naħsillu kull m`hemm għax ried isiefer. Qalli kif jiġi wara s-safar inkompli l-kamra ta' fuq li kont bnejt, biex nagħmillu l-plastering u niksu l-gallerija mbagħad inkunu lesti minn kollox".*

(fol 54-55)

40. Referenza ser issir issa għar-rapport eżebit mir-rikorrenti fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2019 li jinsab a fol 98-131, liema rapport kien ġie redatt mill-Perit Karl Ebejer, u ċioe' l-Perit tal-intimat.

41. Il-Qorti tosserva illi hija importanti ħafna d-data ta' dan ir-rapport, meta kien ġie mħejji mill-istess Perit Ebejer, senjatament f'Ġunju tas-sena 2016.

42. Illi l-attur fix-xhieda tiegħu mogħtija fil-5 ta' Novembru 2019, l-ewwel jgħid illi x-xogħol kien lest f'Diċembru imbagħad jgħid illi dan kien lest f'Ġunju:

*"Ix-Xhud :*

*Jiena fid-9 ta' Diċembru ġibt lill-cleaners, ħlisna ... u fl-10 ta' Diċembru mingħalija siefer l-owner u qalli issa x'ħin niġi mis-safar ejja ħa nkejlu l-affarijiet u titħallas. X'ħin għadda tlett ġimgħat u għidt ħa nċempillu ma bediex jirrispondini. Għaddew sitt ġimgħat u bdejt inċempillu u qalli tkellem*

*mal-perit. Qalli jiena tajtek biżżejjed flus. Għidtlu issa nċempel lil perit u lil perit inċempillu ... inċempillu ... inċempillu u qatt ma rrispondieni. Mort għand l-avukat, bgħattlu emails, lanqas irrispondihom u mbagħad kelli niftaħ rikors biex forsi nitħallas.*

....

*Il-Qorti :*
*Ix-xogħol meta tlesta?*

*Ix-Xhud :*
*9 ta' ... 9 ta' Diċembru.*

*Il-Qorti :*
*9 ta' Diċembru tas-sena 2016?*

*Ix-Xhud :*
*Ija ehe. Għax ...*

....

*Il-Qorti :*
*Il-kwistjoni li għandi quddiemi bħalissa hija dawn ir-ritratti m'humiex ta' Diċembru. Naqblu. Hemm miktub ċar daqs il-kristall 23rd June.*

*Dr Joseph R Pace :*
*Mhux hekk meta x-xogħol ma kienx lest.*

*Il-Qorti :*
*Next.*

*Dr Joseph R Pace :*
*Inti iġifieri f'dik id-data ta' ... tat-23 ta' Ġunju ...*

*Ix-Xhud :*
*Sorry ta' ... jiena f'dawk id-dati jien kont diġa' lest mix-xogħol.*

*Dr Joseph R Pace :*
*Spjega ftit.*

*Il-Qorti :*
*Le stenn ... fit-23 ta' Ġunju kont lest?*

*Ix-Xhud :*
*Jiena kont lest. Fid-9 ta' Ġunju jien kont diġa' lest ...*

*Il-Qorti :*
*Fid-9 ta' Ġunju kont diġa' lest. Ok. Ok.*

*Dr Joseph R Pace :*

*Dar-ritratti qed tgħid illi huma ta' meta? Spjega ftit lil Qorti.*

*Ix-Xhud :*
*26th ...*

*Dr Joseph R Pace:*
*Le r-ritratti ... meta huma meħudin taħseb inti dawk?*

*Ix-Xhud :*
*Dawk ta' tlett xhur lura żgur"*

(fol 90-91 u 94)

43. Illi referenza ser issir issa għax-xhieda mogħtija mill-Perit Karl Ebejer fil-11 ta' Novembru 2020:

*"Dr Reuben Farrugia :*
*Tajjeb issa ... is-sur Fava qed jgħid ukoll fix-xhieda tiegħu li dak ir-rapport li inti għamilt f'Ġunju 2016, Ġunju tal-2016 sar f'mument meta kien hemm works in progress. Iġifieri inti kristallizzajt sitwazzjoni f'Ġunju 2016 imma fil-fatt ftit żmien wara dawk l-affarijiet kienu rimedjati. Dan huwa minnu jew le?*

*Ix-Xhud :*
*Le m'huwiex minnu.*

*Dr Reuben Farrugia :*
*Iġifieri wara li sar dak ir-rapport, Omar Fava għamel xi xogħol f'dak il-post?*

*Ix-Xhud :*
*Le ma għamel xejn ... le ...*

*Il-Qorti :*
*Ma għamel xejn iktar. Iġifieri basically id-data ta' dan l-inspection tista' tgħid li d-data minn dakinhar 'il quddiem żgur ma għamel xejn. Allura li rajt inti huwa xogħol kollu li għamel hu u mbagħad sar xogħol wara minn xi ħadd ieħor?*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

*Dr Reuben Farrugia :*
*Iġifieri fir-rapport tiegħek tal-2016, kristallizzajt is-sitwazzjoni sal-mument ...*

*Ix-Xhud :*
*Sa dak il-mument li konna.*

*Dr Reuben Farrugia :*
*Imbagħad minn hemm 'il quddiem ħadem ħaddieħor?*

*Ix-Xhud :*
*Ħaddieħor għax ovvjament ma setgħax jitħalla l-post kif inhu u hu ma ġiex għal meetings, ma ġiex għall-isnag list, ma ġiex iġifieri ...”*

(fol 145)

44. Illi fix-xhieda mogħtija minn Paul De Brincat fis-seduta tal-11 ta’ Novembru 2020 huwa jispjega s-segwenti:

*“Dr Reuben Farrugia :*
*Omar Fava jgħid ukoll fix-xhieda tiegħu illi r-rapport li sar f’Ġunju tal-2016 sar works in progress u ċioe’ illi wara Ġunju tal-2016 hu baqa’ jaħdem u hu lesta x-xogħolijiet. Dan huwa minnu?*

*Ix-Xhud :*
*Le wara dak ... wara dak ir-rapport Omar Fava ma daħalx iktar. Ma kienx għadu qed jaħdem.*

*Dr Reuben Farrugia :*
*Iġifieri intom f’Ġunju tal-2016 ħadtu ritratt tas-sitwazzjoni kif kienet meta spiċċa jaħdem Omar Fava.*

*Ix-Xhud :*
*Eżatt.”*

(fol 158)

45. Illi l-intimat fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-27 ta’ Jannar 2021 isostni illi:

*“Ix-Xhud:*
*... Paul De Brincat kien jagħmel weekly calls ma’ Omar Fava jipprova jaqbu u x’jismu ... f’Ġunju ... minn Frar, minn mindu suppost tlesta ... sa Ġunju 2006 ma resaqx ‘l hemm. Ġunju 2016. Ma resaqx ‘l hemm. Ix-xogħol kien staġnat. Ma stajt nagħmel xejn u ftehimt ma’ Paul u għidtlu isma’, għidtlu għid lil Omar jiġi jkejjel fejn hu x-xogħol ħażin ħa niftehmu biex naqblu fuq xi prezz. Ma tfaċċax. Ċempillu darba ... darbtejn ... darba minnhom Paul De Brincat, naħseb qalha meta kien hawn ċempillu u qallu ġej ... ġej ... ġej ... u għamel erbgħa (4) sigħat jistenna l-post Paul De Brincat u ma wasalx. Għidnilu li ħa nagħmlu ... li ħa jitkeċċa u għidnilu li ħa nagħmlu ir-report ta’ Karl Ebejer biex jiġi June 23rd biex jiġi u jagħmlu magħna. Jiena ma kontx hemm. Kien hemm Paul De Brincat u Karl Ebejer. U ma tfaċċax lanqas on 23rd June 2016”.*

(fol 164-165)

Fl-istess xhieda jgħid illi lir-rikorrenti huwa keċċieh f’Ġunju: *“... peress li aħna tajnieh daqxejn ċans u f’Ġunju keċċejtu ...”* (fol 173A).

46. Illi fl-ottika ta' dan kollu, l-Qorti ser tqis illi l-attur, wara Ġunju tas-sena 2016 ma reġgħax daħal fil-fond *de quo*, proprjeta' tal-intimat. Kif ingħad aktar 'il fuq, din il-konsiderazzjoni hija importanti stante illi la darba r-rapport tal-Perit Karl Ebejer huwa datat 24 ta' Ġunju 2016 u skont l-istess rapport, saret ispezzjoni fit-23 ta' Ġunju 2016, allura l-kontenut ta' dan l-istess rapport jirrispekkja eżatti s-sitwazzjoni kif kienet. Infatti fl-istess rapport hemm imniżżel: *"The report has been drawn up on the basis of what could be seen visually at the time of inspection"*.

47. Illi f'dan ir-rapport il-Perit Ebejer jelenka dawk ix-xogħolijiet li ma sarux skont is-sengħa u l-arti u mal-istess rapport jannetti numru ta' ritratti. Il-Qorti tosserva illi l-attur fix-xhieda tiegħu tal-5 ta' Novembru 2019 jsostni illi dawk ir-ritratti ma ttieħdux dakinhar tal-ispezzjoni iżda kienu ritratti ta' tlett xhur b'lura.

48. Il-Qorti tosserva illi l-attur naqas milli juri u jipprova kif dawn ir-ritratti ma kinux meħudin dakinhar tal-ispezzjoni u għaldaqstant il-Qorti ser tqis illi r-ritratti ttieħdu mill-Perit Ebejer dakinhar li mar fuq il-post u għamel l-ispezzjoni tiegħu fit-23 ta' Ġunju 2016.

49. Il-Perit Ebejer jikkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rapport u tar-ritratti fix-xhieda tiegħu tal-11 ta' Novembru 2020. In oltre huwa jsostni:

> *"Dr Reuben Farrugia :*
> *Issa ħsarat jew xogħol mhux magħmul skont is-sengħa u l-arti ... dak ix-xogħol li inti qed tirreferi għalih fir-rapport, min għamlu?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Emm ... dak għamlu l-kuntrattur Omar Fava ... essenzjalment hu kien ... ħa ngħidu hekk il-kuntrattur in charge imma emm ... fil-bidu meta konna qed niddiskutu miegħu kien qalilna jiġi hu jagħmel ix-xogħol anke peress li ċertu madum kien qisu parquet, mhux madum tipo 60 x 60 normali ... qalilna issa noqgħod attent u niġi jien. U konna mmorru ... ġieli jkollna appuntament u ma jiġix, ma jkun hemm ħadd u mbagħad ġieli jiġu żewġ barranin u lanqas jifhmuk titkellem ... u mbagħad żewġ barranin oħra ... u mbagħad iġifieri ... ix-xogħol kien difettuż ħafna. Ma stajniex nikkomunikaw man-nies u mbagħad nagħmlu appuntament miegħu ma jiġix ... difetti kullimkien ... qed nitkellmu fuq difetti mhux difetti li vera tgħid wiehed irid joqgħod attent u jfittex ... dana difetti li per eżempju hemm iż-żebgħa ... hemm ritratti ... hemm ħafna affarijiet ... hemm disgħa u sittin paġna. Iż-żebgħa meta qalilna li hija lesta tibqa' tidher, is-suffitt lanqas jiltaqa' sew jew ikun angolat, toqob li kien għamel bi żball fis-suffitt għadhom qed jidhru ... madum kellu jinqala' darba ... darbtejn ... tpoġġa ħażin, diżlivell ta' madum f'kuritur ta' ħames metri ta' żewġ pulzieri kważi ... affarijiet iġifieri serjissimi hux.*
>
> *Il-Qorti :*
> *U jiena nifhem illi dawn id-difetti kollha inti ġia' ... hawn hekk f'dan ir-rapport elenkajthomli kollha għax ...*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Qegħdin elenkati ... biss ukoll hemm ir-ritratt u deskrizzjoni taħt kull ritratt iva".*

(fol 142-143).

50. Magħdud ma' dan fix-xhieda mogħtija fis-26 ta' Jannar 2022 l-istess Perit Ebejer jispjega:

*"Dr Daniel Calleja :*
*Ma kontx involut. Mela f'dik id-data tat-23 ta' Ġunju 2016, fejn intom mortu … int kont preżenti naqblu …*

*Ix-Xhud :*
*Għamilt rapport dettaljat.*

*Dr Daniel Calleja :*
*Id-data kienet 23 ta' Ġunju tas-'16.*

*Ix-Xhud :*
*Hemm miktub fir-rapport.*

*Il-Qorti :*
*Ehe r-rapport huwa 24$^{th}$ u in fatti intom kontu għidtu … I inspected property on the 23rd of June 2016 in the presence of project manager Paul De Brincat.*

*Ix-Xhud :*
*Ehe …*

*Dr Daniel Calleja :*
*Mela inti għal din …*

*Il-Qorti :*
*A fol 98.*

*Dr Daniel Calleja :*
*Għal din il-laqgħa min sejjaħlek?*

*Ix-Xhud :*
*Emm … kien sejjaħli l-klijent u l-project manager hux. U konna qed nistennew lil kuntrattur ukoll li ma ġiex.*

*Dr Daniel Calleja :*
*Il-kuntrattur ukoll li ma ġiex.*

*Il-Qorti :*
*Is-Sur Steinbacker kien ġie dakinhar?*

*Ix-Xhud :*
*Le Paul. Paul.*

*Il-Qorti :*
*Paul biss.*

*Dr Daniel Calleja :*
*U inti għidt ukoll li Omar Fava ma ġiex. Inti kont tkellimt ma' Omar fir-rigward ta' din id-data jew le?*

*Ix-Xhud :*
*Emm ... ma niftakarx bl-amment.*

*Dr Daniel Calleja :*
*Ma tiftakarx bl-amment. Issa x'kien l-iskop ta' dik ... ta' dak l-aċċess li sar dakinhar.*

*Ix-Xhud :*
*Biex nagħmlu deskrizzjoni ta' x'hemm u x'ma hemmx fil-post.*

*Dr Daniel Calleja :*
*Deskrizzjoni ta' x'hemm u x'ma hemmx fil-post.*

*Ix-Xhud :*
*U tax-xogħolijiet li hemm u jekk hemm xi damages u xi affarijiet li ma kinux konklużi u jekk hemmx xi affarijiet ...*

*....*

*Il-Qorti :*
*Li qed jipprova jistaqsik l-avukat huwa ... kien hemm xi raġuni li wasslet biex isir dan ir-rapport?*

*Ix-Xhud :*
*Ir-raġuni kien hemm ... kont infurmat illi l-kuntrattur ma ġiex ... ma kienx hemm xogħol tajjeb, kien hemm xi xogħol li ma tkompliex ...*

*Il-Qorti :*
*Iġifieri dik kienet ir-raġuni għaliex sar ...*

*Ix-Xhud :*
*Aħna ġieli nintalbu nagħmlu rapporti at different stages of the projects. Ġieli completion, ġieli damage report, ġieli qabel ma jibdew l-excavation per eżempju ... dan kien xogħol ... fuq xogħol li ma kienx komplut u li rridu naraw affarijiet u nuqqasijiet.*

*Dr Daniel Calleja :*
*X'kienu n-nuqqasijiet ... u allura ... x-xogħol sar tajjeb u kemm sar xogħol inti ħadt in konsiderazzjoni f'dak l-aċċess?*

*Ix-Xhud :*
*Le.*

*Dr Daniel Calleja :*
*Iġifieri inti rajt biss x'hemm ħażin ... x'hemm tajjeb ma ħadtx konjizzjoni tiegħu?*

*Ix-Xhud :*
*Ma jidhirlix le.*

*Dr Daniel Calleja :*
*Xogħol tajjeb kien hemm?*

*Ix-Xhud :*
*Ma niftakarx li kien hemm ħafna xogħol tajjeb.*

*Dr Daniel Calleja :*
*Ma tiftakarx li kien hemm ...*

*Ix-Xhud :*
*Le. Kien hemm ... kien hemm ... jekk tara r-rapport huwa dettaljat.*

*Dr Daniel Calleja :*
*Iva. Iva. U hemm ħafna ritratti wkoll inti spjegajt dawk ir-ritratti. Pero inti għidtilna ovvjament jien qed nara skontkom x'hemm ħażin ... pero' skontkom x'hemm tajjeb ma hemmx. Issa jien dak li qed nistaqsik. Għidtilna li ma kienx hemm ħafna. Pero' bħala valur ta' xogħol tajjeb ... skontkom ... skont ix-xhud ...*

*Il-Qorti :*
*Skont ix-xhud.*

*Dr Daniel Calleja :*
*Għidtilna li inti fl-opinjoni teknika tiegħek illi ma kienx hemm ħafna ... kien hemm xogħol tajjeb imma mhux ħafna.*

*Ix-Xhud :*
*Hekk hu. U ġieli kont inkellem ftit lil Omar emm ... diżorganizazzjoni assoluta iġifieri fil ... fil ... fil mod kif ... kif għamel il-proġett. U naf li kien hemm xi ħadd ieħor ... naf ukoll Benji Briffa li kellu l-istess issues fuq finishes fuq turnkey fuq propjeta' oħra.*

*Il-Qorti :*
*Imma ma għandhiex x'taqsam ma' din il-kawża?*

*Ix-Xhud :*
*Le. Le. Imma ...*

(fol 362-363 et seq)

51. Il-Qorti tirrileva illi mix-xhieda mogħtija kemm mill-intimat, kif ukoll mill-Perit Karl Ebejer u minn Paul De Brincat tul il-kawża, huma jsemmu sensiela ta' affarijiet li saru ħażin min-naħa tal-attur u li b'hekk huwa xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti. In oltre, mill-provi jirriżulta illi l-intimat kien ingaġġa lil terzi sabiex jagħmlu x-xogħolijiet rimedjali. In oltre, l-istess intimat jeżebixxi dokument fejn fih jipprovdi lista tax-

xogħolijiet rimedjali li saru u dawk li għadhom iridu jsiru. Illi fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-27 ta' Jannar 2021 l-intimat jispjega:

*"Dr Reuben Farrugia :*
*Inti preparajt xi lista ... għandek il-lista ta' xogħolijiet? Għidilna x'għandek dokumentazzjoni? Għax għandek id-dokumentazzjoni. U spjega kull dokument li ħa tippreżenta.*

*Ix-Xhud :*
*Mela f'waħda minnhom dokumenti huma emm ... ir-remedial works kollha ... dawk li għandhom isiru ...*

*Dr Reuben Farrugia :*
*Li saru jew li għandhom isiru?*

*Ix-Xhud :*
*Ir-remedial works kollha f'daqqa. U mbagħad qsamt il-lista bejn done u outstanding.*

*Il-Qorti :*
*Ok.*

*Ix-Xhud :*
*Ir-remedial works ... all remedial works iġifieri issa mhux maqsuma għandha wkoll ir-ritratti. Dawn mhux ir-ritratti biss li ħa Karl Ebejer. Dawn hemm ritratti ta' Paul De Brincat ukoll u huma kollha time stamped. Li fil fatt tista' tara li hemm xi uħud minnhom ta' 2017.*

(fol 165-166)

Illi inoltre, fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2022, l-intimat ikompli jispjega dwar ir-*remedial works*:

*"Dr Daniel Calleja :*
*Mela inti qed tgħidilna illi remedial works tlestew fi spazju ta' sitt (6) xhur ...*

*Ix-Xhud :*
*Eh.*

*Dr Reuben Farrugia :*
*Mhux eh ... għid iva jew le.*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

*Dr Daniel Calleja :*
*U dawn is-sitt (6) xhur x'tip ta' ħaddiema kellek bżonn timpjega flok Omar?*

*Ix-Xhud :*

*Dak l-istess xogħol li kien jagħmel Omar. Kisi, bżonn tal-madum, bżonn tas-suffett, tibjid ...*

.....

*Dr Daniel Calleja :*
*All right. U inti għidtilna li r-remedial works ta' Omar allura damu sitt (6) xhur biex saru. Allura biex issolvi inti skontok il-problemi kollha li ħalla Omar domtu sitt (6) xhur?*

*Ix-Xhud :*
*Le hemm remedial works outstanding u remedial works done. F'dawk is-sitt (6) xhur saru dak li hemm fil-lista done. Hemm ħafna li huma outstanding".*

(fol 356 u 357 et seq)

52. Il-Qorti tirrileva illi kif diġa' aċċennat hawn fuq, l-intimat fis-27 ta' Jannar 2021 jippreżenta tlett dokumenti: Dok JS1 li fih hemm lista tax-xogħolijiet rimedjali kollha (dawk li saru u dawk li għad iridu jsiru), Dok JS2 li fih hemm elenkat ix-xogħolijiet rimedjali li saru u kemm ġew jiswew u Dok JS3 li huwa rapport ieħor tal-Perit Ebejer datat 22 ta' Jannar 2021.

53. Illi l-Qorti tosserva illi l-inkarigu tal-attur Omar Fava kien proprju kif iddeskrivieh huwa stess fix-xhieda tiegħu mogħtija fit-30 ta' Novembru 2017 ossia:

    *"Ix-xogħol tiegħi hu Turnkey Finishing, jikkonsisti fi plastering u nagħti l-gypsum, nagħmel il-madum u nagħmel xogħol t'appoġġi fuq barra"* (fol 49).

54. Illi b'referenza għar-rapport tal-Perit Karl Ebejer eżebit a fol 98-131 il-Qorti tosserva illi ġjaladarba dak ir-rapport sar f'Ġunju tas-sena 2016, fih il-Perit jagħti stampa ċara tad-difetti konstatati, liema difetti huma fil-maġġoranza tagħhom difetti fit-tibjid u kisi. In oltre, referenza ser issir għal Dok JS1 u Dok JS2 eżebiti mill-intimat, fejn jidher ukoll illi ħafna mix-xogħolijiet rimedjali kienu relatati ma' tibjid u kisi, kif ukoll xogħolijiet oħra li għalihom kien responsabbli l-attur.

55. Għaldaqstant il-Qorti tħoss illi l-attur għandu jagħmel tajjeb għax-xogħolijiet rimedjali mwettqa mill-intimat minħabba x-xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti, li skont l-istess Dok JS2 (fol 273-275) dawn jammontaw għas-somma ta' ħames t'elef mitejn u sebgħin Ewro (Ewro 5270).

56. Il-Qorti tirrileva illi l-intimat jippreżenta Dok JS3, ossia, rapport ieħor tal-Perit Ebejer datat 22 ta' Jannar 2021 (fol 276-283 et seq) fejn fih il-Perit jgħid is-segwenti:

    *"Further to the instructions of my client, a report was drawn to outline the outstanding and defective works within property in caption. The property was inspected on the 21st of January 2021 at 9:00am, in the presence of Mr. Jurgen Steinbacker.........This report has been drawn up upon what could be seen visually at the time of inspection"* (fol 276).

57. Il-Qorti tqis illi fil-konklużjoni tiegħu l-istess Perit Ebejer jgħid illi:

> *"Total of remedial works to recify the defective work carried out by the contractor is estimated to be not less than € 12500 excluding VAT"* (fol 277).

Manadakollu, l-Qorti tħoss illi ma tistax tistrieħ fuq dan ir-rapport għaliex dan huwa rapport li sar u huwa bbażat fuq spezzjoni li saret fis-sena 2021- ħafna snin wara li l-attur ma baqax jaħdem fil-proprjeta' tal-intimat.

58. Mill-provi joħroġ ċar illi wara Ġunju tas-sena 2016 ir-rikorrenti ma reġgħax daħal fil-proprjeta' tal-intimat, infatti f'Lulju 2016 ix-xogħolijiet tkomplew minn terzi. Fix-xhieda ta' Paul De Brincat mogħtija fil-11 ta' Novembru 2020 huwa jgħid is-segwenti:

> *"Dr Reuben Farrugia :*
> *Li fl-aħħar wasaltu għamiltu dak ir-rapport u minn dakinhar 'il quddiem għidtilna li kien hemm kuntratturi ġodda?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Iva.*
>
> *Dr Reuben Farrugia :*
> *Dan il-kuntrattur il-ġdid qabbadtuh biex jirrimedja d-difetti, qed nifhem sew?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Emm ... iva mill-aħjar li seta'.*
>
> *Dr Reuben Farrugia :*
> *Mill-aħjar li seta'. U eventwalment ix-xogħol ġie kompletat minn dan il-kuntrattur?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Iva.*
>
> *Dr Reuben Farrugia :*
> *Inti bqajt tissorvelja x-xogħol ta' dan il-kuntrattur il-ġdid?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Iva.*
>
> *Dr Reuben Farrugia :*
> *Mano a mano max-xogħol, l-affarijiet li kien hemm ħżiena irranġahom dan il-kuntrattur għidtilna, kif seta'?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Kif seta'".*
>
> (fol 159)

59. Illi a differenza tar-rapport li kien sar mill-Perit Ebejer f'Ġunju tas-sena 2016 fejn ittieħdet stampa ċara tas-sitwazzjoni kif kienet eżattament fi żmien meta l-attur kien effettivament għadu kif waqaf jaħdem fil-proprjeta' tal-intimat, dan ir-rapport sar mhux biss ħafna snin wara iżda wkoll wara li daħlu ħaddiema ta' kuntratturi oħra.

Għaldaqstant, il-Qorti żgur li ma tistax tattribwixxi dak elenkat mill-Perit Ebejer u wisq u wisq aktar iċ-ċifra minnu likwidata lill-attur.

60. Il-Qorti tinnota wkoll illi meta l-Perit Ebejer kien xehed quddiemha fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2020 u ċioe' qabel ma huwa għamel it-tieni rapport tiegħu, meta mistoqsi dwar l-ispejjeż, il-Perit kien irrisponda kif ġej:

*"Dr Reuben Farrugia :*
*Imbagħad minn hemm 'il quddiem ħadem ħaddieħor?*

*Ix-Xhud :*
*Ħaddieħor għax ovvjament ma setgħax jitħalla l-post kif inhu u hu ma ġiex għal meetings, ma ġiex għall-isnag list, ma ġiex iġifieri ...*

*Il-Qorti :*
*Domanda waħda ... mela inti hawn hekk għamiltli lista ta' ħafna xogħolijiet li kellhom isiru jew ħafna problemi li rajt li allura kellhom jitranġaw, u inti għidtli li eventwalment dawn tranġaw minn terzi. Għandek xi indikazzjoni kemm kienu l-ispejjeż li ntefqu biex jitranġa dan kollu?*

*Ix-Xhud :*
*Ma jidhirlix off hand li għandi off hand le ...*

*Il-Qorti :*
*U inti kont indikajtlu? Kont għidtlu ħares għandek 'x' u għandek 'y'?*

*Ix-Xhud :*
*Ħafna affarijiet.*

*Il-Qorti :*
*Kont għidtlu?*

*Ix-Xhud :*
*Jiena kont ... jiena kont ... bħala ammont?*

*Il-Qorti :*
*Bħala ammont.*

*Ix-Xhud :*
*Le. Imma ġieli konna ...*

*Dr Reuben Farrugia :*
*L-ispiża biex jiġu rimedjati ... ħa jixhed warajh għax hu ħallsu.*

*Il-Qorti :*
*Iva ok naf imma jiena ... I was just wondering jekk qallux għandek daqshekk spejjeż. Inti ma dħaltx fiha dik? Imbagħad ħallejt f'idejhom?*

*Ix-Xhud :*
*Le anke fuq pagamenti qatt ma dħalt fihom".*

(fol 146).

61. Dan ikompli juri kif l-eżerċiżżju dwar kemm huma l-ispejjeż rimedjali mill-Perit saret wara, saħansitra wara x-xhieda mogħtija minnu fl-2020 u għalhekk kif joħroġ ċar anke mill-qari tal-istess rapport immarkat bħala Dok JS3, l-ispejjeż elenkati mill-Perit kienu dawk ikkonstati minnu fis-sena 2021.

62. Illi kif diġa ngħad aktar 'il fuq, ladarba kien hemm it-trapass taż-żmien kif ukoll il-fatt illi fil-fond *de quo* ħadmu terzi, l-Qorti ma tistax tistrieħ fuq dan ir-rapport.

63. Jiġi osservat ukoll illi l-intimat qiegħed jippretendi li l-attur għandu jagħmel tajjeb għal dak li l-intimat stess jiddeskrivih bħala *"loss of revenue"* minħabba l-fatt li ma setgħax jikri l-proprjeta' tiegħu. Fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-27 ta' Jannar 2021, l-intimat jgħid hekk:

*"Ix-Xhud :*
*Id-dokumenti li baqagħli huma ... peress li jiena għidt li għandi loss of revenue tar-rental, staqsejt ukoll żewġ real estate agents biex jiġu jaraw il-post u jivverifikaw dak iż-żmien kieku ...*

*Dr Reuben Farrugia :*
*Ir-rental value tieghu.*

*Ix-Xhud :*
*Ir-rentable value tiegħu bejn iż-żmien li suppost tlesta x-xogħol u ... għal eleven (11) months. Emm ... għandi waħda mingħand ir-Remax bħala short let u għandi oħra Perry għal long let.*

*Il-Qorti :*
*Ok issa biex nifhem jien ... ix-xogħol suppost kellu jitlesta in February ...*

*Ix-Xhud :*
*February 2016.*

*Il-Qorti :*
*U allura ...*

*Ix-Xhud :*
*Iżda minn hemm hekk imbagħad ... peress li aħna tajnieh daqxejn ċans u f'Ġunju keċċejtu ... jiena minn hemm ħdimtha ... minn Ġunju sa kemm fl-aħħar komplejt u lestejt ix-xogħol kollu li ħadu eleven (11) months oħra.*

*Il-Qorti :*
*U allura l-istimi li għandi hawn jibdew minn Lulju 2016 sa Ġunju 2017 li allura milli qed nifhem jien it was ready ...*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

*Dr Reuben Farrugia :*
*U dawk huma żewġ stimi differenti … waħda long let u oħra short"*

(fol 173-173A)

64. Infatti, l-intimat jeżebixxi żewġ dokumenti mmarkati bħala Dok JS4 u Dok JS5, li jikkonsistu fi stimi magħmula minn żewġ sensara. Illi in oltre, huwa jeżebixxi wkoll lista ta' *reservations* tal-Flat 1 (il-flat ta' taħt id-*Duplex Apartment*) u l-*Airbnb rental income*, liema dokumenti jinsab a fol 435-437 u fol 439 tal-proċess.

65. Fix-xhieda tiegħu mogħtija quddiem din il-Qorti fis-26 ta' Jannar 2022, rigward il-kwistjoni tal-kera, l-intimat jgħid hekk:

*"Dr Daniel Calleja :*
*All right. U inti għidtilna li r-remedial works ta' Omar allura damu sitt (6) xhur biex saru. Allura biex issolvi inti skontok il-problemi kollha li ħalla Omar domtu sitt (6) xhur?*

*Ix-Xhud :*
*Le hemm remedial works outstanding u remedial works done. F'dawk is-sitt (6) xhur saru dak li hemm fil-lista done. Hemm ħafna li huma outstanding.*

*Dr Daniel Calleja :*
*Hemm ħafna minnhom li għadhom outstanding. U dawn kienu ppermettulek li inti tikri l-appartament?*

*Ix-Xhud :*
*Dak l-appartament kont ha nixtrieh jiena … dan … ta' taħtu qed nikri.*

*Dr Daniel Calleja :*
*Ta' taħtu qed tikri … pero mbagħad eventwalment inkera wkoll?*

*Ix-Xhud :*
*Le dak dħalt fih jiena.*

*Dr Daniel Calleja :*
*Wieħed minnhom dħalt inti …*

*Ix-Xhud :*
*Ehe.*

*Dr Daniel Calleja :*
*U l-ieħor inkera.*

*Ix-Xhud :*
*Ehe.*

*Dr Daniel Calleja :*
*U għidtilna inkera fit-2018?*

*Ix-Xhud :*
*Ma niftakarx. Air b'n'b.*

*Dr Daniel Calleja :*
*Air b'n'b ... allura ħa tkun taf għax probabbilment dak trid liċenzja.*

*Ix-Xhud :*
*Niċċekkja l-history.*

*Dr Daniel Calleja :*
*Ikun hemm liċenzja. U din il-liċenzja anke applikajt għaliha ...*

*Ix-Xhud :*
*Applikajt għaliha ehe.*

*Dr Daniel Calleja :*
*Meta?*

*Ix-Xhud :*
*Niccekkjalek l-emails."*

(fol 357 et seq-358)

66. Il-Qorti tosserva illi dan huwa kollu eżerċizzju ipotetiku li ċertament ma jistax jiġi meħud in konsiderazzjoni ai fini ta' likwidazzjoni ta' danni sofferti da parti tal-intimat. Ta' min wieħed jinnota wkoll illi d-dati tad-dokumenti surreferiti li jinsabu in atti a fol 435-437 u fol 439 huma tas-snin 2018, 2019 u 2020 iżda l-istimi tas-sensara huma minn Lulju 2016 sa Ġunju 2017 sakhemm ix-xogħol tlesta kif jispjega l-istess intimat fix-xhieda tiegħu:

*Ix-Xhud :*
*Iżda minn hemm hekk imbagħad ... peress li aħna tajnieh daqxejn ċans u f'Ġunju keċċejtu ... jiena minn hemm ħdimtha ... minn Ġunju sa kemm fl-aħħar komplejt u lestejt ix-xogħol kollu li ħadu eleven (11) months oħra.*

*Il-Qorti :*
*U allura l-istimi li għandi hawn jibdew minn Lulju 2016 sa Ġunju 2017 li allura milli qed nifhem jien it was ready ...*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

67. Għaldaqstant, il-Qorti, fl-ottika ta' dak kollu delineat aktar 'il fuq, tqis illi d-danni sofferti mill-intimat jammontaw għas-somma ta' ħamest elef, mitejn u sebgħin Ewro (Ewro 5270).

68. Ilment ieħor sollevat mill-intimat kien li r-rikorrenti ma wettaqx ix-xogħol fi żmien pattwit u li x-xogħol ma kienx kompletat kollu.

69. Referenza ser issir għax-xhieda mogħtija mill-attur Omar Fava fejn huwa jgħid illi:

*"Jiena x-xogħol lestejtu kien għad baqagħli nagħmillu kamra żgħira fil-washroom fejn jitfa' l-geyser liema xogħol kien xogħol miżjud, kien għad fadalli wkoll veranda fuq barra biex nagħmillu l-fibre boards. Dan ix-xogħol lestejtu u talabni nnaddaflu l-appartament għaliex kien se jġib l-għamara biex x`ħin jiġi mis-safar inkompli l-aħħar biċċiet xogħol, sadanittant jiena ħallejtu, bdejt inċempillu u ma jirrispondini ħadd imbagħad iltqajt ma' Project Manager li jismu Paul qalli hemmhekk tista' ma tidħolx għax iċ-ċavetta tal-fond kienet mibdula. Jiena għidtlu għalhekk niġi nkejjel ix-xogħol ħalli nitħallas tax-xogħol li għamilt ... Fuq il-post jiena domt ħafna għaliex l-aħħar wieħed li nispiċċa mix-xogħolijiet u kont niddependi minn ħaddiema oħrajn. Il-fond in kwistjoni kien jikkonsisti b`dan il-mod, l-ewwel sular kien l-appartament proprju u dak lestejtu mbagħad kellu appartament ieħor fuqu u għamiltlu kollox ukoll, imbagħad kellu l-kamra ta' fuq illi kienet tiġi l-kċina. Dan imbagħad bgħatli ritratti illi meta l-fond kien għadu mhux komplut bl-intervent tiegħi u jiena ħadt għalija għaliex jiena x-xogħol kont lestejtu. Ċempilt lil Perit ħa nara x`kien qed jiġri u dejjem kien ifarfarli. Il-Perit qatt ma kellimni."* (fol 49-50).

70. Ir-rikorrenti jżid jgħid illi:

*"Minn fuqnett ilħaqt ma lestejtx il-gallerija tal-faċċata. Ma lestejthiex kif diġa' għidt għax ma tħallejtx nidħol. Aħna konna lesti mix-xogħol, hu qalli biex naħsillu kull m`hemm għax ried isiefer. Qalli kif jiġi wara s-safar inkompli l-kamra ta' fuq li kont bnejt, biex nagħmillu l-plastering u niksu l-gallerija mbagħad inkunu lesti minn kollox"* (fol 54-55).

71. Referenza ser issir ukoll għax-xhieda ta' Milan Milokovic mogħtija minnu fis-6 ta' Frar 2018 fejn hu jgħid:

*"Asked whether there were still unfinished works when we cleaned the place I say no there wasn't. Maybe the only work which was left to be finished was on the second floor on the balcony"* (fol 56).

72. Referenza ssir ukoll għax-xhieda ta' Lorry Mifsud li jsostni illi:

*"Ninforma lill-Qorti li jiena kont ġejt inkarigat minn Omar Fava biex nibnielu washroom u jagħmel geezer taħt tank tal-bricks. Jiena bnejt kamra, x-xogħol lestejtu. Saqqaftha bil-bricks stess imbagħad ġibt il-krejn u naddaft kull ma hemm. Ix-xogħol kien kollu kważi lest. Fuq kien lest żgur"* (fol 79).

73. Ix-xhud Paul De Brincat waqt ix-xhieda tiegħu tal-11 ta' Novembru 2020 jirrileva illi:

*"Dr Reuben Farrugia :*
*Issa ... meta ftehmtu oriġinarjament ... iġifieri meta ltqajt miegħu, hu tagħkom data ta' tlestija?*

*Ix-Xhud :*
*Ehe imma ma kenitx uffiċjali imma bejn wieħed u ieħor kellna li within three (3) to four (4) months ha jkun lest minn meta bdejt jiena, sewwa ...*

*Il-Qorti :*
*Iġifieri inti bdejt f'Diċembru?*

*Ix-Xhud :*
*F'Diċembru u qalilna …*

*Il-Qorti :*
*Iġifieri sa Marzu ta' 2016 kellu jkun lest?*

*Ix-Xhud :*
*Emm … hu qalilna February … imma mbagħad aħna tajnieh ftit iktar … ovvjament naqra final touches.*

*Dr Reuben Farrugia :*
*F'Ġunju tal-2016 għamiltu dak ir-rapport?*

*Ix-Xhud :*
*Ehe.*

*Dr Reuben Farrugia :*
*Iġifieri sa Ġunju tal-2016 dan il-post ma kienx lest?*

*Ix-Xhud :*
*Le*

….

*Dr Reuben Farrugia :*
*Omar Fava jgħid ukoll fix-xhieda tiegħu illi r-rapport li sar f'Ġunju tal-2016 sar works in progress u ċioe' illi wara Ġunju tal-2016 hu baqa' jaħdem u hu lesta x-xogħolijiet. Dan huwa minnu?*

*Ix-Xhud :*
*Le wara dak … wara dak ir-rapport Omar Fava ma daħalx iktar. Ma kienx għadu qed jaħdem"*

(fol 153 u fol 158)

74. L-intimat jixhed fis-27 ta' Jannar 2021 u jispjega hekk:

*"Emm … ftehmna ma' Omar Fava biex id-deadline biex ilestili l-post ikun February 2016. Issa dan ovvjament kważi sena mindu kien beda x-xogħol Omar Fava. Emm … u minn … minn … wasal February 2016 fejn kien ftehmna li ħa jitlesta x-xogħol u x-xogħol mhux lest. Nofsu lest … nofsu mhux lest … suffett mhux lest … suffett bit-toqob. Kien … meta kont għidtlu lil Omar Fava … għidtlu isma' dawn … dawn il-madum huma tal-parquet. Għandi bżonn lil xi ħadd tas-sengħa biex jagħmilhomli għax hemm pattern u qalli le … jiena ħa nagħmilhom. Kull darba li jiena mbagħad … kont ħafna msiefer … kull darba li jiena mbagħad kont inkun hemm fil-post, bil kemm kont narah*

> *lil Omar. Kien ikun hemm il-barranin. U mhux l-ewwel darba li nitla' wara ġurnata xogħol, ma jkunux hemm, ikunu telqu u nsib ic-Cisk, insib il-Lachryma Vitis ... il ... il ... is-soffitt maqtugħ ma nafx kif ..."*
>
> (fol 164)

75. B'referenza għax-xhieda ċitata aktar 'il fuq, il-Qorti tinnota li x-xhud Paul De Brincat jgħid li l-attur ma lestiex ix-xogħol imma madanakollu ma jsemmix liema kien dak ix-xogħol li kien għadu mhux komplet. Il-Qorti tirrileva illi Paul De Brincat kien il-*Project Manager* tal-proġett u suppost kien l-aktar wieħed li kien ikun fuq il-lant tax-xogħol, wisq u wisq aktar la darba s-sid kien ikun ħafna imsiefer.

76. In oltre, l-Qorti tagħmel referenza għar-rapport tal-Perit Ebejer, redat minnu f'Ġunju tas-sena 2016. Illi f'dak ir- rapport il-Perit isemmi biss ix-xogħol difettuż u ma jsemmix ix-xogħolijiet li għadhom mhux lesti. Dan jikkonfermah il-Perit stess fix-xhieda tiegħu quddiem il-Perit Legali fejn jgħid illi: *"Ir-rapport tiegħi kien dwar id-difetti fix-xogħolijiet li saru minn Omar Fava"* (fol 418). Magħdud ma' dan, anke fir-rapport tiegħu tas-sena 2021, il-Perit Ebejer jonqos milli jagħmel elenku tax-xogħolijiet li ma tlestewx mir-rikorrenti u dan allavolja fir-rapport jikteb is-segwenti: *"Further to the instructions of my client, a report was drawn to outline the outstanding and defective works within property in caption"* (fol 276).

77. Illi l-intimat permezz tad-dokumenti eżebiti minnu u mmarkati bħala Dok JS 1 u Dok JS2 jagħmel biss lista tax-xogħolijiet rimedjali u jqassamhom bħala xogħolijiet rimedjali li saru u li tlestew u dawk li għadhom ma sarux. L-intimat jonqos milli jipprovdi elenku tax-xogħolijiet li ma tlestewx mir-rikorrenti u meta jagħmel referenza għax-xogħolijiet li għadhom mhux lesti dawn huma dawk li għandhom x'jaqsmu max-xogħolijiet rimedjali.

    Illi fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-27 ta' Jannar 2021 l-intimat jgħid hekk:

> *"Dr Reuben Farrugia :*
> *Inti preparajt xi lista ... għandek il-lista ta' xogħolijiet? Għidilna x'għandek dokumentazzjoni? Għax għandek id-dokumentazzjoni. U spjega kull document li ħa tippreżenta.*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Mela f'waħda minnhom dokumenti huma emm ... ir-remedial works kollha ... dawk li għandhom isiru ...*
>
> *Dr Reuben Farrugia :*
> *Li saru jew li għandhom isiru?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Ir-remedial works kollha f'daqqa. U mbagħad qsamt il-lista bejn done u outstanding".*
>
> (fol 165)

78. Il-Qorti tosserva wkoll illi x-xhieda mogħtija minn Lorry Mifsud ma kinitx kontradetta għaliex qatt ma sar kontro-eżami tiegħu. L-istess ħaġa tingħad għax-xhieda mogħtija mill-attur stess. Kif riportat aktar 'il fuq, fix-xhieda tagħhom huma jsostnu illi ħafna mix-xogħol kien lest. Infatti l-attur jsemmi biss il-gallerija ta' faċċata u xi xogħol pendenti fil-kamra ta' fuq li kien bena:

> "*Qalli kif jiġi wara s-safar inkompli l-kamra ta' fuq li kont bnejt, biex nagħmillu l-plastering u niksu l-gallerija mbagħad inkunu lesti minn kollox".*

79. Referenza ser issir ukoll għax-xhieda li ta Milan Milokovic waqt il-kontro-eżami tiegħu. Allavolja a differenza tal-attur u ta' Lorry Mifsud hu kien ġie prodott sabiex jixhed in kontro-eżami, l-Qorti tosserva li ma sarulux domandi dwar ix-xogħol li kien inkomplet imma d-domandi rivolti lilu kienu dwar il-kwalita' tax-xogħol.

80. Għal dak li għandu x'jaqsam max-xogħol li ma sarx fi żmien pattwit, il-Qorti ser tirriproduċi dak li qal l-intimat fix-xhieda tiegħu tas-26 ta' Jannar 2022.

> *"Dr Daniel Calleja :*
> *Kontu ftehmtu fuq daqxejn inqas. Issa ... komplejt imbagħad ix-xhieda tiegħek u għidt li wasal Frar tas-'16 u għidt li kontu ftehmtu li kellu jitlesta x-xogħol sa dakinhar ... sa Frar tas-'16 ...*
>
> *Ix-Xhud :*
> *End of February 2016.*
>
> *Dr Daniel Calleja :*
> *Minn fejn jirriżulta dan il-ftehim dwar meta kellu jitlesta x-xogħol?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Ftehim li għamilna bejnietna meta kien preżenti Paul De Brincat. Paul De Brincat għamlu miegħu.*
>
> *Dr Daniel Calleja :*
> *Paul De Brincat għamlu miegħu. Mhux inti mela ma' Omar?*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Paul De Brincat għamlu miegħu. Ftehmt miegħu ... ma' Paul De Brincat ... u Paul De Brincat tkellem ...*
>
> *Dr Daniel Calleja :*
> *Mela inti ftehmt ma' Paul u Paul ftiehem ma' Omar qed tgħidilna ... iġifieri ...*
>
> *Ix-Xhud :*
> *Nixtieq ngħid li jiena dejjem kont in contact ukoll ma' Omar ... ma kontx ngħaddi kollox through Paul biss ... jien kelli n-numru tiegħu u kont inċempillu wkoll ta' spiss iġifieri. Issa jekk qed tgħidli fuq erbgħa (4) snin ilu jekk ftehmtx miegħu eżatt jiena jew ftiehem Paul eżatt u mbagħad jiena ... the three of us konna nafu li end of February 2016 was the deadline. It-tlieta li aħna.*

*Dr Daniel Calleja :*
*It-tlieta li intom ... pero' inti dan il-ftehim għidtilna li għamlu Paul De Brincat ma' Omar ... inti ma kontx preżenti. U Paul De Brincat imbagħad lilek qallek isma' ftehmna sa Frar tas-'16 ... yes? Confirmed? Ma kontx preżenti?*

*Ix-Xhud :*
*I don't recall".*

(fol 342-342 et seq).

81. In oltre, l-Qorti tagħmel referenza għax-xhieda mogħtija minn Paul De Brincat, li ġiet riprodotta aktar 'il fuq fejn huwa jgħid illi ma kienx hemm data ta' tlestija uffiċjali u li kellu jkun lest fi żmien tlieta jew erba' xhur minn meta beda hu bħala *Project Manager* u li mbagħad kienu taw lir-rikorrenti aktar żmien sabiex isiru l-*final touches*. Magħdud ma' dan, il-Qorti tirrileva illi kemm l-intimat kif ukoll Paul De Brincat jgħidu illi x-xogħol kellu jkun lest sa Frar tas-sena 2016.

82. Jiġi osservat illi Paul De Brincat beda fl-inkarigu bħala *Project Manager* tal-proġett tal-intimat f'Diċembru tas-sena 2015 u li b'hekk jekk wieħed jikkonsidra dak illi qal fix-xhieda tiegħu illi r-rikorrenti kellu jlesti x-xogħol fi żmien tlieta jew erba' xhur minn meta beda bħala *Project Manager* hu, allura l-Qorti taraha inverosimili li ż-żmien maqbul għat-tlestija tax-xogħolijiet kien Frar tas-sena 2016. Barra minn hekk, il-Qorti tqis illi ma ġiet ippreżentata l-ebda skrittura li turi eżattament meta kellu jitlesta x-xogħol da parti tar-rikorrenti.

83. Għaldaqstant in vista ta' dak kollu delineat hawn fuq, il-Qorti tqis illi mill-provi prodotti ma tistax tasal għall-konklużjoni illi ħafna mix-xogħolijiet ma kinux ġew kompletati mir-rikorrenti u li x-xogħol ma twettaqx fi żmien pattwit. Kif diġa' ngħad aktar 'il fuq, fix-xhieda tiegħu l-attur isemmi dak ix-xogħol illi ma sarx min-naħa tiegħu, liema xogħol il-Qorti tinnota li ma ġiex imniżżel fil-kont ippreżentat minnu a fol 5-6 tal-proċess. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-attur għandu jiġi mħallas tax-xogħol imwettaq minnu.

84. B'referenza għat-talbiet u għad-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rikorrenti, l-Qorti tirrileva illi l-unika ammont li tista' tordna lill-intimat iħallas huwa dak indikat fil-kont maħruġ mill-attur a fol 5-6 u ċioe' l-ammont ta' tmint elef, sebgħa mija u ħamsa u ħamsin Ewro u sittin ċenteżmu (Ewro 8755.60). Illi għal dak deskritt f'Dokument B anness mar-rikors promutur (fol 7), ossia, dak ix-xogħol u materjal illi għandu jiġi mkejjel u likwidat skont ir-rati stabbiliti, l-Qorti tosserva li fil-mori tal-kawża qatt ma ġie stabbilit ammont ta' kemm jiswa dan ix-xogħol u materjal. Magħdud ma' dan, il-Qorti tinnota wkoll illi l-attur fl-ebda mument tal-kawża ma għamel talba lill-Qorti għall-ħatra ta' Perit sabiex ikun jista' jsir dan il-kejl u tiġi stabbilita ċifra.

85. B'hekk il-Qorti qiegħda f'impossibilita' li tillikwida dan l-ammont mitlub mir-rikorrenti u nonostante fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur joħroġ biċ-ċifra ta' wieħed u għoxrin elf, sitt mija u sebgħa u tmenin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Ewro 21,687.75) (fol 446-447) il-Qorti tqis illi dan mhux ammont li tista' tistrieħ fuqu u dan speċjalment fid-dawl tax-xhieda tar-rikorrenti stess fejn hu jsostni s-segwenti:

> *"Jiena qed nara fol 5 tal-proċess u nikkonferma illi għandi nieħu l-ammont ta' flus illi jidher fil-konklużjoni tal-istess dokument a fol 6 tal-proċess senjatament tmint elef, seba' mija u ħamsa u ħamsin ewro u sittin ċenteżmu (€8,755.60c). Oltre dan qed nara fol 7 tal-istess proċess u ninforma lill-Qorti illi hawnhekk hawn indikat ix-xogħolijiet li għad iridu jiġu mkejla u stmati rigwardanti suffett, madum, kisi, liquid membrane kif indikat. Dawn l-ammonti a fol 7 konna ftehmna jiena u l-intimat meta dħalt għax-xogħol in kwistjoni. Bejn wieħed u ieħor dawn jammontaw għal sebat elef (€7,000) jew tmint elef ewro (€8,000)"* (fol 50).

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ippreżentati;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**<u>Dwar it-Talba Konvenzjonali</u>**

**Tiċħad l-Ewwel Talba** tar-rikorrenti, billi ma jirriżultax li x-xogħol kollu sar, u li sar bis-sengħa u l-arti.

**Tilqa' limitatament it-Tieni Talba** billi tiddikjara illi x-xogħol li sar mir-rikorrent, huwa dak deskritt fid-Dokument A eżebit mar-rikors promotur fl-Invoice Nru 126 tal-14 ta' Jannar 2017 filwaqt illi:

**Tiċħad it-Tieni Talba** fejn tirrigwarda it-tieni parti tat-talba, ossija għax-xogħol pretiż bir-rati indikati fid-Dokument B, stante illi kejl ta' dana x-xogħol qatt ma sar tul il-proċess kollu odjern.

**Tilqa' t-Tielet Talba** u tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' **<u>tmint elef, sebgħa mija u ħamsa u ħamsin Ewro u sittin ċenteżmu (Ewro 8755.60).</u>**

Interessi dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjeż ta' tali Talba Konvenzjonali biss għandhom ikunu a kariku ta' l-intimat Jurgen Steinbacker, filwaqt illi l-ispejjeż l-oħra rikjesti mir-rikorrent jibqgħu a kariku tiegħu.

**<u>Dwar it-Talba Ri-Konvenzjonali</u>**

**Tilqa' l-Ewwel Talba** u tiddikjara illi x-xogħolijiet eżegwiti mir-rikorrent ma sarux skond is-sengħa u l-arti.

**Tiċħad it-Tieni u Tielet Talba**, stante illi dana ma ġiex ippruvat stante illi kien l-intimat li waqqaf lir-rikorrenti milli jkompli x-xogħol.

**Tilqa' ir-Raba' Talba** u tillikwida d-danni sofferti mill-intimat in konnessjoni ma' l-Ewwel Talba fis-somma ta' ħamest elef, mitejn u sebgħin Ewro (Ewro 5270).

**Tiċħad il-Ħames Talba**, stante illi ma ġewx ippruvati danni ulterjuri illi sofra l-intimat, u għalhekk;

**Tilqa' s-Sitt Talba** u tikkundanna lir-rikorrent iħallas lill-intimat is-somma ta' **ħamest elef, mitejn u sebgħin Ewro (Ewro 5270)**.

Interessi dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjeż ta' tali Talba Ri-Konvenzjonali għandhom ikunu a kariku tar-rikorrent Omar Fava.

**Francesco Depasquale** LL.D. LL.M. (IMLI)
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**